# Metodi ta' Difiża fil-passat f'San Pawl il-Baħar



*Clifford Galea*

San Pawl il-Baħar huwa raħal pjuttost modern. Fil-bidu tiegħu kellu popolazzjoni żgħira li llum kibret ġmiela. F' dan ir-raħal pittoresk, imorru ħafna Maltin iqattgħu ix xhur tas-sajf sabiex jieħdu ftit mistrieħ fejn il-baħar. Dan ir-raħal huwa magħruf għall-bajja tiegħu li tħares lejn il-grigal.

Meta wieħed iħares lura fiż-żmien, wieħed jinduna li bil-mezzi miżeri tat-transport li kien hawn Malta, San Pawl il-Baħar kien imbiegħed wisq mill-Belt Kapitali. Iżda dan ma naqqaslux mill-importanza tiegħu fid-difiża ta' Malta. Il fatt li San Pawli il Bahar huwa imdawwar bil bahar kien iqajjem biza' fl abitanti tal madwar minhabba xi attakk mill furbani. Il furbani kienu pirati Misilmin, li jiġu fuq ix-xwieni tagħhom u jġorru kull ma jaraw quddiemhom, kemm affarijiet materjali kif ukoll umani. In-nies li jinqabdu kienu jispiċċaw skjavi f' artijiet imbiegħda, li meta jinbiegħu dawn kienu jġibu magħhom flus kbar. Il-mexxejja tal-Maltin fil-Medjuevu kienu ħarġu bl-ideja li ssir għassa max-xtut ta' Malta kollha. Din kienet tissejjaħ id-dejma, li għaliha kienu jridu jmorru l-irġiel kollha bejn is-16 u s-60 sena, ta' Malta kollha skond kif ikun imisshom. Xogħolhom kien li jaraw hux gej xi xini mil-iktar post għoli fil-post li minnhu tkun qed issir l-għassa, bħal xi torri zgħir jew fuq xi kampnar ta' xi knisja li tkun viċin tal-baħar. Jekk jaraw lil xi ħadd ġej kienu jagħtu l-allarm, li kien jissejjaħ in-nafra. Din kienet sinal mogħti bin-nar jekk ikun filgħaxija jew bid-duħħan matul il-jum. Dan kien juri lil irġiel oħra li jkunu fl-eqreb post tal-għassa li ġej l-għadu, dawn jagħtu s-sinjali lil oħrajn biex tinxtered il-kelma mill-aktar fis. L-irġiel kienu jippreparaw għall-attakk, filwaqt li n-nisa, tfal u anzjani kieu jmorru jsibu xi post ta' kenn.

Id-dejma għenet biex tnaqqas ftit din il-biża' tal-Maltin. Mal-wasla tal-Kavallieri din il-biża' qisha kibret. Dan għaliex l-ikbar għadu tal-Kavallieri, kienu t-Torok. Kien ghalekk li l Gran Mastri ta' l ordni dejjem ħassew il-bżonn li jżidu binjiet ta' difiża madwar



*It-Torri ta' San Pawl jew aħjar it-Torri ta' Wignacourt*

il-gżiritna. Il-kavallieri nefqu ħafna flus biex isaħħu s-swar madwar il-portijiet prinċipali ta' Malta. Il-Gran Mastru Alof de Wignacourt ħass il-bżonn li jibni xi forma ta' fortifikazzjoni fl-inħawi ta' fuq ta' Malta wkoll, bini kbir u b' saħħtu jkun li jkun jiflaħ għall-attakki u jservi wkoll bħala post ta' difiża. F' San Pawl il-Baħar insibu wieħed minn erbgħa torrijiet li bena dan il-Gran Mastru. L-isem li ingħata kien sinonimu mal-bajja li jinsab fiha, it-torri ta' San Pawl. L-ewwel ġebla tqiegħdet mill-Gran Mastru nnifsu fl-10 ta' Frar 1610. Biex iħarsuħ kellu żewġ kanuni. Huwa kien il-mudell li fuqu inbnew it-torrijiet l-oħra fis-seklu sbatax. Kellu għamla kwadra b' bażi ta' qawwa kbira. Il-bieb li minnu kont titħol kien jinsab fit-tieni sular. Biex wieħed jitħol fit-torri kien hemm sellum taraġ quddiemu u pont jintrefa. Dawn tneħħew kollha fl-1957. Matul it-tieni gwerra Dinija dan it-torri intuża għall-attakki. Ġarrab ħafna ħsarat b' hekk daħlet għal-proġett ta' tiswija u restawr is-soċjeta' 'Din l-Art Ħelwa'. Dan il-proġett ġie jiswa eluf ta' liri iżda fl-aħħar ix-xogħol ta' restawr tlesta minn kollox fl-10 ta' Frar 1966 u infetaħ uffiċjalemt miċ-*Chairman* tal-istess Soċjeta' flimkien mal-ministru tal-artijiet ta' dak iż-żmien. Fl-1997 kien reġa ġie restawrat għat-tieni darba, mill-istess għaqda.

Fl-istess bajja inbnew ukoll żewġ batteriji mill-Gran Mastru Alof de Wignacourt. Dawn kienu jkunu linja ta' fortifikazzjoni baxxa u viċin tal-baħar. Fiha kien ikun hemm 10 kanuni li jagħmlu l-ewwel difiża iktar b' saħħitha. Gran Mastri oħra insemmu fost l-oħrajn il-Gran Mastru de Redin xtaq li jibni numru ta' batteriji u torrijiet madwar il-plajja tan-naħa ta' fuq ta' Malta biex jaħdmu id f' id ma dak li kien ġa jeżisti fil-bajja ta' San Pawl il-Baħar. Wħud minn dawn kienu; il-Batterija tal-Vendomu (1645), it-Torri l-Aħmar (1647), Il-Batterija tal-Mistra (1658), ir-Ridott ta' buleben (1770). Fl-aħħar tas-seklu dsatax imbgħad l-Ingliżi new batterijia ta' San Pawl, li kellha jħarsuha 3 kanuni.

*Informazzjoini miġbura minn*
*Bliet u Rħula Maltin t' Alfie Gullaumier.*




